# Qorti Kriminali

Imhallef:

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**Illum it-Tlieta sitta (6) ta' Frar, tas-sena elfejn u wiehed (2001)**

**Att ta' Akkuza 2/1998**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Kevin Sammut**
**-- *omissis* --**

Illum 6 ta' Frar, 2001.

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza numru 2 tas-sena 1998;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentata fil-5 ta' Jannar, 2001, li permezz taghha huwa ceda u irtira, fil-konfront ta' l-akkuzat Kevin Sammut biss, il-hames kap tal-Att ta' Akkuza, kif ukoll, dejjem fil-konfront ta' Kevin Sammut biss, immodifika l-akkuza dedotta fit-tielet kap fis-sens li minflok id-delitt ta' offiza gravi volontarja, ir-reat migjub f'dak il-kap ghandu jkun dak ta' offiza ta' natura hafifa volontarja;

Semghet lill-imsemmi Kevin Sammut jammetti, fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2001, il-htija tieghu skond l-Att ta' Akkuza kif modifikat bin-nota msemmija, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie minn din il-Qorti mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex jahsibha u jekk irid jerga' lura minnha, u dan kif rikjest bl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali;

Tiddikjara lill-imsemmi Kevin Sammut hati ta' serq ta' vettura, liema serq huwa kwalifikat bil-valur (aktar minn elf lira) u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan skond <u>l-ewwel kap</u> tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati wkoll talli volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' haddiehor, u dan skond <u>it-tielet kap</u> tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' tentattiv ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur (aktar minn mitt lira) u sekwestru tal-persuna, u dan skond <u>ir-raba' kap</u> tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin , lok u valur, u dan skond <u>is-sitt kap</u> tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' hsara volontarja fi proprjeta` ta' haddiehor, liema hsara

teccedi l-ghaxar liri izda mhux il-hamsin lira, u dan skond is-seba' kap tal-Att ta' Akkuza; fl-ahharnett tiddikjarah ukoll hati li hu recidiv f'delitt u dana fir-rigward tal-kapi kollha hawn aktar 'l fuq imsemmija; kwantu ghat-tieni kap, dana l-kap ma jirrigwardax lill-imsemmi Kevin Sammut izda lil haddiehor, u kwantu ghall-hames kap dan gie irtirat fil-konfront ta' l-imsemmi Sammut kif inghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz; semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar il-piena; semghet ukoll, fl-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2001 lit-Tabib Dott. Gorg Grech, lil Leo Grech (l-*employer* attwali tal-hati), lis-Supretendent tal-Pulizija Pierre Calleja, u lil mart il-hati, Sandra Sammut; rat ukoll ir-rapport, presentat fl-udjenza tal-bierah, ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri; tosserva in partikolari li jirrisulta – kemm mill-istqarrija li l-hati ghamel lill-pulizija meta kien qed jigi interrogat, kif ukoll mir-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation* – li meta l-hati kkommetta r-reati li taghhom ammetta l-htija tieghu huwa kien ilu ghal certu zmien tossikodipendenti, u li r-reati ta' serq (u f'dan il-kaz anke ta' tentattiv ta' serq) sehhew biex huwa jkun jista' jakkwista l-flus biex bihom jixtri d-droga. Dan, naturalment, ma jnaqqasx mill-gravita` ta' dak li ghamel l-imsemmi Sammut; izda dana l-fatt ghandu, u sejjer, jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti biex tara kif ghandha tiddisponi mill-kaz. L-Ufficjal tal-*Probation*, f'pagna 15 tar-rapport taghha, tghid hekk dwar il-periodu li Sammut ghamel jiehu d-droga u dwar il-kambjament radikali li jirrisulta li sehh fih minn meta ltaqa' mat-tfajla li llum saret martu:

*"Ir-risultat ta' dan [in-nuqqas ta' dixxiplina minn naha tal-genituri u l-influwenza ta' certi hbieb li ltaqa' maghhom l-iskola, fuq ix-xoghol u fil-lokalita` fejn kien jghix] kien li huwa beda jiehu d-droga, vizzju li jirrikjedi hafna flus. Huwa beda jqatta' hinu barra d-dar sabiex, kemm jista' jkun, il-genituri ma jarawhx taht l-influwenza tad-droga u jevita li jsiru jafu bil-vizzju tieghu. Huwa ghadda diversi snin f'din it-tip ta' hajja, minghajr ebda skop f'hajtu hlief li jakkwista d-droga. Il-bidla f'hajtu giet meta huwa kellu 24 sena fejn iltaqa' ma' tfajla partikolari. Din it-tfajla, Sandra, kellha effett ferm posittiv fuqu, u ghall-ewwel darba, Kevin Sammut wera x-xewqa u anke talab l-ghajnuna sabiex jieqaf mid-droga. Ir-relazzjoni zviluppat b'mod li huwa beda jircievi l-ghajnuna minghandha filwaqt li huwa stess beda joffri support lilha minhabba li kienet garrbet it-telfa t'ommha ftit xhur qabel. Hawnhekk insibu li, ghall-ewwel darba f'hajtu, huwa beda jhossu utli ghal haddiehor. Dan il-fatt stess kien krucjali fir-riabilitazzjoni tieghu. Ir-rizultat ta' dan huwa li minn Awissu 1997, xahrejn biss wara li ltaqa' ma' din il-persuna li eventwalment saret martu, huwa ma baqax jiehu d-droga, qata' l-hbieb kollha, u b'konsegwenza t'hekk ma baqax jisker il-ligi. Huwa beda jiffoka fuq il-familja gdida tieghu u x-xoghol. Il-hajja kif kien jghixha qabel ghalih saret "kerha hafna" kemm minhabba l-hsara li ghamel lilu nnifsu kif ukoll il-hsara li kkawza lil haddiehor".*

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li ghandha taghti l-opportunita` lill-hati Sammut (li llum ghandu 28 sena) li jikkonsolida l-progress li huwa ghamel fir-riabilitazzjoni tieghu wara l-periodu ta' sbandament f'hajtu, periodu li jidher li

intemm darba ghal dejjem f'Awissu ta' l-1997. Mill-provi li semghet din il-Qorti jidher li Sammut illum ghandu impieg stabbli u hu fdat u stmat hafna mill-principal tieghu; dan il-principal tieghu lest anke jghinu sabiex (Sammut) ikun jista' jaghmel tajjeb ghall-hsara li huwa kkaguna lil terzi bir-reati li huwa wettaq.

Rat l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1) u 281(a) tal-Kodici Kriminali fir-rigward ta' l-ewwel kap; l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tat-tielet kap; l-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a), 267, 275, 277(b), 279(a), 280(2) u 329 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tar-raba' kap; l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tas-sitt kap; u l-Artikolu 325(c) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tas-seba kap; tosserva li l-piena ghal ebda wiehed minn dawn ir-reati, apparti z-zieda minhabba r-recidiva, ma teccedi l-ghaxar snin prigunerija (Artikolu 5(1) tal-Kap. 152); rat ukoll l-Artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tal-kapi kollha appena msemmija;

Ghar-ragunijiet aktar'l fuq imsemmija u wara li rat l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 152, din il-Qorti hi tal-fehma li minflok ma tikkundanna lil hati Kevin Sammut ghal piena ta' prigunerija ghandha tqieghdu taht *probation*, skond l-Ordni ta' *Probation* anness ma' din is-sentenza, ghall-periodu ta' tlett snin mill-lum (u dan wara li ghamlet ukoll dak mehtieg skond is-subartikolu (5) tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152); u wara li rat l-Artikolu 11(1) tal-Kap. 152, tordna lill-imsemmi Kevin Sammut sabiex ihallas lil Frank Borda (allura residenti Villa Borda, il-Madliena) (imsemmi fis-sitt u fis-seba' kapi) is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) in linea ta' danni ghall-hsara u kumpens ghal-telf li sofra l-istess Borda (u f'kaz li l-imsemmi Borda diga gie risarcit minn xi socjeta` assiguratrici, l-imsemmija somma ghandha tithallas lil dik is-socjeta` assiguratrici);

Fl-ahhar nett tordna lill-imsemmi Kevin Sammut sabiex ihallas lir-Registratur fi zmien tlett xhur mill-lum is-somma ta' mitejn tmienja w disghin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm298.42c) rappresentanti parti mill-ispejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri (nofs l-ispejjez in konnessjoni mar-relazzjoni tal-espert tal-marki tas-swaba a fol. 204, l-ispejjez kollha in konnessjoni mar-relazzjoni l-ohra tal-imsemmi espert a fol. 262, u nofs l-ispejjez tal-faxxikolu fotografiku a fol. 47).

Paul Miruzzi
Dep. Registratur

# QORTI KRIMINALI

Imhallef:

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**<u>Ordni ta' Probation – Artikolu 5, Kap. 152</u>**

Illum, 6 ta' Frar, 2001

Il-Qorti:

Billi Kevin Sammut (hawn taht imsemmi *"probationer"*) gie misjub hati kif indikat fis-sentenza ta' din il-Qorti maghtija llum fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Kevin Sammut – *omissis*** – (Att ta'Akkuza 2/98);

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dana l-Ordni ta' *Probation*;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dana l-Ordni lill-*probationer*, inkluzi l-htigiet mizjuda skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152, u nnutat li l-istess *probationer* wera li jrid ihares il-htigiet ta' l-istess Ordni;

Tordna li l-*probationer* ikun taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-*Probation* Joanne Battistino ghal zmien ta' tlett snin mill-lum b'dawn il-htigiet:

1. li matul dan il-periodu l-*probationer* igib ruhhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi tal-Ufficjal tal-*Probation* fuq imsemmija, inkluzi direttivi li ma jiffrekwentax certi postijiet u certi hbieb u, jekk ikun il-kaz, direttivi biex jaghti kampjun ta' l-urina ghal analizi skond il-modalitajiet stabbiliti mill-istess Ufficjal tal-*Probation*, kif ukoll direttivi sabiex jattendi korsijiet, anke jekk ta' natura residenzjali, li jistghu talvolta jkunu mehtiega ghar-riabilitazzjoni, jew ghall-konsolidament tar-riabilitazzjoni, tieghu;
2. li l-*probationer* jidher quddiem din il-Qorti kull sitt xhur flimkien ma' l-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* fid-data u fil-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Ufficjal tal-*Probation* u konkordati mad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament tal-imgieba tal-*probationer*;

Tordna li koja ta' dana l-Ordni jigi minnufih konsenjat lill-*probationer* kif ukoll lill-Ufficjal tal-*Probation* Joanne Battistino skond is-subartikolu (6) tal-Artikolu 5 imsemmi.

Vincent Degaetano
Imhallef